2025/1891

18.9.2025

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/1891

tas-17 ta' Settembru 2025

li jemenda r-Regolament (UE) 2023/915 fir-rigward tal-livelli massimi tal-arseniku inorganiku fil-ħut u frott tal-baħar ieħor

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 315/93 tat-8 ta' Frar 1993 li jistabbilixxi proċeduri tal-Komunità għall-kontaminanti fl-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/915 ([2]) jiffissa l-livelli massimi għal ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel, fosthom l-arseniku inorganiku f'għadd ta' oġġetti tal-ikel.

(2) L-arseniku huwa metallojd li jinsab kullimkien f'konċentrazzjonijiet żgħar fil-blat, fil-ħamrija u fl-ilma naturali ta' taħt l-art. L-attività antropoġenika kkontribwiet biex jiżdiedu l-livelli tal-arseniku fl-ambjent permezz tal-emissjonijiet industrijali (it-tħaffir fil-minjieri, it-tidwib ta' metalli mhux ferrużi, u l-ħruq tal-fjuwils fossili) kif ukoll bl-użu tal-arseniku bħala ingredjent fil-fertilizzanti, fil-preservattivi tal-injam, fl-insettiċidi jew fl-erbiċidi. Għalkemm huwa possibbli l-esponiment permezz tal-ġilda u l-inalazzjoni, ir-rotot prinċipali tal-esponiment għall-arseniku huma l-ikel u l-ilma tax-xorb.

(3) Fit-12 ta' Ottubru 2009, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") adottat opinjoni dwar l-arseniku fl-ikel ([3]) li fiha kkonkludiet li l-arseniku inorganiku jista' jikkawża kanċers tal-pulmun, tal-bużżieqa tal-awrina, u tal-ġilda, u leżjonijiet fil-ġilda, u identifikat firxa ta' firxa ta' valuri "limitu ta' kunfidenza baxxa tad-doża punt ta' riferiment" ($BMDL_{01}$) bejn 0,3 u 8 μg/kg b.w. kuljum. Minħabba li l-esponimenti djetetiċi stmati għall-arseniku inorganiku għal min jikkonsma livell medju u għoli fl-Ewropa huma fil-firxa tal-valuri $BMDL_{01}$ identifikati, ma jistax jiġi eskluż ir-riskju għal ċerti konsumaturi. Għalhekk, permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1006 ([4]), ġew stabbiliti livelli massimi għall-arseniku inorganiku f'diversi ikel terrestri.

(4) Fir-rapport xjentifiku tagħha tal-2021 ([5]), l-Awtorità vvalutat l-esponiment dijetetiku kroniku tal-popolazzjoni Ewropea għall-arseniku inorganiku, filwaqt li qieset l-aktar data ta' okkorrenza reċenti għall-arseniku inorganiku fl-ikel u, minbarra li kkonfermat ir-rilevanza tal-ikel terrestri għall-esponiment ikkonkludiet ukoll li fil-popolazzjoni adulta gruppi tal-ikel bħall-"ħut u frott tal-baħar ieħor" kienu fost is-sorsi apparenti ta' esponiment għall-arseniku inorganiku f'ċerti pajjiżi.

(5) Abbażi tad-data tal-okkorrenza l-aktar reċenti, u sakemm isiru konsultazzjonijiet dwar il-livelli massimi potenzjali għall-arseniku fil-ħut u fi frott tal-baħar ieħor, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/465 ([6]) baxxa l-livell massimu għall-arseniku inorganiku fir-ross abjad u stabbilixxa l-livelli massimi għal ċertu ikel terrestri.

([1]) ĠU L 37, 13.2.1993, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1993/315/oj.
([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/915 tal-25 ta' April 2023 dwar il-livelli massimi għal ċerti kontaminanti fl-ikel u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1881/2006 (ĠU L 119, 5.5.2023, p. 103, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/915/oj).
([3]) EFSA Panel on Contaminants in the Food Chain (CONTAM); Opinjoni xjentifika dwar l-arseniku fl-ikel. EFSA Journal 2009; 7(10):1351, https://efsa.onlinelibrary.wiley.com/doi/epdf/10.2903/j.efsa.2009.1351.
([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1006 tal-25 ta' Ġunju 2015 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1881/2006 fir-rigward tal-livelli massimi ta' arseniku inorganiku fl-oġġetti tal-ikel (ĠU L 161, 26.6.2015, p. 14, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2015/1006/oj).
([5]) Scientific report of EFSA on the chronic dietary exposure to inorganic arsenic, EFSA Journal 2021; 19(1): 6380, https://efsa.onlinelibrary.wiley.com/doi/epdf/10.2903/j.efsa.2021.6380.
([6]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/465 tal-3 ta' Marzu 2023 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1881/2006 fir-rigward tal-livelli massimi tal-arseniku f'ċerti oġġetti tal-ikel (ĠU L 68, 6.3.2023, p. 51, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/465/oj).

(6) Fit-28 ta' Novembru 2023, l-Awtorità adottat l-opinjoni xjentifika tagħha dwar aġġornament tal-valutazzjoni tar-riskju dwar l-arseniku inorganiku fl-ikel. ([7]) Ikkonkludiet li l-istudji epidemjoloġiċi juru li l-konsum kroniku tal-arseniku inorganiku permezz tad-dieta u/jew tal-ilma tax-xorb huwa assoċjat ma' riskju akbar ta' diversi eżiti avversi inklużi l-kanċers tal-pulmun, tal-bużżieqa tal-awrina, u tal-ġilda. L-Awtorità użat il-$BMDL_{05}$ ta' 0,06 µg /kg b.w. kuljum u applikat metodu bbażat fuq il-marġini ta' esponiment (MOE, margin of exposure). Hija stmat li fl-adulti l-MOEs huma baxxi (firxa ta' bejn 2 u 0,4 għall-konsumaturi medji u ta' bejn 0,9 u 0,2 fil-95 perċentil tal-esponiment) u kkonkludiet li, għalhekk, l-esponiment attwali għall-arseniku inorganiku jqajjem tħassib dwar is-saħħa minkejja l-inċertezzi.

(7) Sabiex ikompli jitnaqqas l-esponiment tal-popolazzjoni għall-arseniku inorganiku, huwa għalhekk xieraq li jiġu stabbiliti livelli massimi għall-ħut u għal frott tal-baħar ieħor, li jikkontribwixxu għal dak l-esponiment.

(8) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2023/915 jiġi emendat kif xieraq.

(9) Filwaqt li jitqies il-fatt li ċerti oġġetti tal-ikel koperti minn dan ir-Regolament għandhom ħajja twila fuq l-ixkaffa u sabiex tiġi evitata l-ħela tal-ikel, jenħtieġ li l-ħut u frott tal-baħar ieħor li tqiegħdu fis-suq legalment qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jitħallew jibqgħu fis-suq sad-data tad-durabbiltà minima tagħhom jew sad-data sa meta għandhom jintużaw.

(10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel, u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 2023/915 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 10(1) huwa emendat kif ġej:

(a) il-frażi introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"L-ikel imqiegħed legalment fis-suq qabel id-dati msemmija fil-punti minn (a) sa (q) jista' jibqa' fis-suq sad-data tad-durabbiltà minima tiegħu jew sad-data sa meta għandu jintuża:";

(b) jiżdied il-punt li ġej:

"(q) It-8 ta' Ottubru 2025 fir-rigward tal-livelli massimi għall-arseniku inorganiku stabbiliti fil-punti 3.4.5, 3.4.6, 3.4.7 u 3.4.8 tal-Anness I";

(2) L-Anness I huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Settembru 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([7]) Scientific opinion on an update of the risk assessment on inorganic arsenic in food, EFSA Journal. 2024;22:e8488, https://efsa.onlinelibrary.wiley.com/doi/epdf/10.2903/j.efsa.2024.8488.

ANNESS

Fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2023/915, fit-taqsima 3 (Metalli u elementi oħrajn), is-subsezzjoni 3.4 (Arseniku) hija emendata kif ġej:

(1) it-tieni ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:

		"Arseniku inorganiku (somma ta' $As^{(III)}$ u $As^{(V)}$)	Il-livell massimu għall-arseniku inorganiku japplika għall-prodotti elenkati fil-punti minn 3.4.1 sa 3.4.8."

(2) l-entrata 3.4.5 u t-tabella ta' fuqha huma sostitwiti b'dan li ġej:

"3.4.5	Laħam tal-muskoli tal-ħut li ġej:		Il-livell massimu japplika għall-piż niedi. Meta l-ħut huwa maħsub biex jittiekel sħiħ, il-livell massimu japplika għall-ħuta sħiħa. Fil-każ ta' ikel imnixxef, dilwit, ipproċessat, u/jew kompost, japplika l-Artikolu 3(1) u (2).
3.4.5.1	Speċijiet oħrajn għajr dawk elenkati taħt 3.4.5.2	0,10	
3.4.5.2	Il-petriċa kbira, il-petriċa, u ż-żondu (l-ispeċi *Lophius*; *Kathetostoma giganteum*), il-pixxiċatt (l-ispeċi *Pleuronectiformes*), il-merluzz tal-linja sewda (*Melanogrammus aeglefinus*), l-aringa (l-ispeċi *Clupea*), ir-raja (l-ispeċi *Rajidae*) u l-kelb il-baħar (l-ispeċijiet kollha).	0,50	
3.4.6	Il-krustaċji		Il-livell massimu japplika għall-piż niedi. Il-livell massimu japplika għal-laħam tal-muskoli mill-appendiċi u mill-addome, li jfisser li ċ-ċefalotoraċi tal-krustaċji hija eskluża. Fil-każ tal-granċijiet u l-krustaċji simili għall-granċijiet (*Brachyura* u *Anomura*), il-livell massimu japplika għal-laħam tal-muskoli mill-appendiċijiet. Fil-każ ta' ikel imnixxef, dilwit, ipproċessat, u/jew kompost, japplika l-Artikolu 3(1) u (2).
3.4.6.1	Il-granċijiet u l-krustaċji simili għall-granċijiet (*Brachyura* u *Anomura*), il-gambli (l-ispeċijiet kollha).	0,10	
3.4.6.2	Il-krustaċji għajr dawk elenkati taħt 3.4.6.1 u 3.4.6.3.	0,20	
3.4.6.3	L-awwista żgħira (*Nephrops norvegicus*) u l-awwista (l-ispeċi *Jasus*)	1,5	

3.4.7	Il-molluski bivalvi		Il-livell massimu japplika għall-piż niedi. Fil-każ tal-*Pecten maximus*, il-livell massimu japplika biss għall-muskolu adduttur u għall-gonadi. Fil-każ ta' ikel imnixxef, dilwit, ipproċessat, u/jew kompost, japplika l-Artikolu 3(1) u (2).
3.4.7.1	L-arzell	0,10	
3.4.7.2	Il-molluski bivalvi li mhux elenkati taħt 3.4.7.1	0,50	
3.4.8	Iċ-ċefalopodi	0,050	Il-livell massimu japplika għall-piż niedi. Il-livell massimu japplika għall-annimal mingħajr vixxri. Fil-każ ta' ikel imnixxef, dilwit, ipproċessat, u/jew kompost, japplika l-Artikolu 3(1) u (2).
		L-arseniku totali	Il-livell massimu għall-arseniku totali japplika għall-prodotti elenkati fil-punt 3.4.9.
3.4.9	Melħ	0,50"	